31998R2623

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2623/98

ta' l-4 ta' Diċembru 1998

li jemenda r-Regolament (KEC) Nru 1555/96 dwar regoli ta' applikazzjoni għal dazji addizzjonali ta' importazzjoni fuq frott u ħxejjex u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1556/96

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-frott u ħxejjex ([1]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2520/97 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 31(2) u 33(4) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1555/96 ([3]) jipprovdi għall-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness li jinsab miegħu li jkunu suġġetti għas-sorveljanza; billi dik is-sorveljanza hija bażata fuq il-liċenzi ta' importazzjoni maħruġa skond l-arranġamenti ntrodotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1556/96 ([4]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2306/98 ([5]); billi dawk l-arranġamenti kienu ntrodotti bla ħsara li jistgħu jiġu mibdula bi proċedura rapida u komputerrizata għall-irrekordjar ta' l-importazzjonijiet meta din ta' l-aħħar tkun legalment u prattikament imwaqqfa; billi dik il-proċedura ġiet ittestjata b'suċċess;

Billi, għalhekk, l-iskema ta' sorveljanza fuq l-importazzjoni preskritta fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jippreskrivi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([6]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1677/98 ([7]), għandu jkun eżtis għall-prodotti elenkati fl-Anness li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1555/96; billi biex is-sistema tad-dazji addizzjonali ta' importazzjoni tkun tista' titħaddem sew it-tagħrif għandu jkun notifikat lill-Kummissjoni kull ġimgħa; billi, b'żieda, disposizzjonijiet għandhom jiġu addottati li jippermettu lill-Istati membri li jiksbu it-tagħrif meħtieġ għall-għanijiet ta' sorveljanza fiż-żmien li l-prodotti in kwistjoni jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni libera skond il-proċeduri ta' simplifikazzjoni preskritti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93; billi bħala riżultat tas-sistema ta' sorveljanza ir-Regolament (KE) Nru 1555/96 għandu jiġi aġġustat u r-Regolament (KE) Nru 1556/96 għandu jiġi mħassar b'effett mill-1 Diċembru 1998;

Billi l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura ([8]) jipprovdu għall-kriterji biex jiġu stabbiliti il-volumi li jiġbdu magħhom dazji addizzjonali; billi l-Artikolu 5(6) ta' dak il-Ftehim jippermetti għall-perjodi li jġielu l-bidu għandhom jiġu ffissati skond il-karatteristiċi speċifiċi ta' prodotti li jiskadu jew staġjonali; billi, fl-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji, il-volumi li jdaħħlu fis-seħħ id-dazji addizzjonali għandhom jiġu ffissati kif indikat fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal- Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1555/96 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 1 qiegħed jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Id-dazji addizzjonali ta' importazzjoni li għalihom jirreferi l-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 (*), definit bħala 'dazju addizzjonali' hawn taħt, jista' jiġi applikat għall-prodotti u matul il-perjodi elenkati fl-Anness hawn meħmuż bil-kondizzjonijiet stipulati hawn taħt.

2. Il-livelli li jqiegħdu fis-seħħ l-applikazzjoni tad-dazji addizzjonali jinsabu elenkati fl-Anness hawn meħmuż.

(*) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.";

2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Għal kull wieħed mill-prodotti elenkati fl-Anness hawn meħmuż u matul il-perjodi ndikati l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-detalji tal-volumi mqiegħda f'ċirkolazzjoni libera billi jużaw il-metodu għas-sorveljanza fuq importazzjonijiet preferenzjali stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (*).

Dawk in-notifikazzjonijiet għandhom iseħħu mhux aktar tard min-nofsinhar ta' kull nhar t-Erbgħa għall-volumi mqiegħda f'ċirkolazzjoni libera matul il-ġimgħa ta' qabel.

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 346, tas-17.12.1997, p. 41.
([3]) ĠU L 193, tat-3.8.1996, p. 1.
([4]) ĠU L 193, tat-3.8.1996, p. 5.
([5]) ĠU L 288, tas-27.10.1998, p. 7.
([6]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
([7]) ĠU L 212, tat-30.7.1998, p. 18.
([8]) ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 22.

2. Dikjarazzjonijiet għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera tal-prodotti koperti bir-Regolament presenti li l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw fuq it-talba ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni mingħajr ma jkun fihom ċerti partikolaritajiet imsemmija fl-Anness 37 li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 għandu jkun fihom, b'żieda mal-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 254 ta' dak ir-Regolament, indikazzjoni tal-massa netta (kg) tal-prodotti konċernati.

Meta l-proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata msemmija fl-Artikolu 260 tar-Regolament (KEE) Nru) 2454/93 tiġi wżata biex jitqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera il-prodotti koperti bir-Regolament presenti, id-dikjarazzjonijiet simplifikati għandu jkun fihom, b'żieda ma' ħtiġiet oħra, indikazzjoni tal-massa netta (kg) tal-prodotti konċernati.

Meta l-proċedura ta' rilaxx lokali msemmija fl-Artikolu 263 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 tiġi wżata biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni libera il-prodotti koperti bir-Regolament presenti, in-notifikazzjonijiet lill-awtoritajiet doganali msemmijafl-Artikolu 266(1) ta' dak ir-Regolament, għandu jkun fihom it-tagħrif meħtieġ għall-identifikazzjoni ta' l-oġġetti, ki ukoll indikazzjoni tal-massa netta (kg) tal-prodotti konċernati.

L-Artikolu 266(2b) m'għandux japplika għall-importazzjonijiet tal-prodotti koperti bir-Regolament presenti.

(*) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.";

3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

1. Jekk jinstab illi, għal xi wieħed mill-prodotti jew xi wieħed mill-perjodi elenkati fl-Anness hawn meħmuż, il-kwantità mqiegħda f'ċirkolazzjoni libera tkun teċċedi il-volum korrispondenti li jqiegħed fis-seħħ il-Kummissjoni għandha timponi dazju addizzjonali.

2. Id-dazju addizzjonali għandu jiġi mpost fuq il-kwantitajiet mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni libera wara d-data ta' l-applikazzjoni ta' l-imsemmi dazju, iżda:

— il-klassifikazzjoni tagħhom fit-tariffa stabbilita skond l-Artikolu 5 tar-Regolament(KE) Nru 3223/94 tikkirjedi l-applikazzjoni ta' l-ogħla dazji speċifiċi applikabbli għall-importazzjonijiet ta' l-oriġini in kwistjoni,

— l-importazzjoni ssir matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni tad-dazju addizzjonali.";

4) l-Anness huwa sostitwit bl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 1556/96 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l- pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Diċembru 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tan-Nomenklaturi Maqgħuda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa li tkun biss indikattiva. L-iskop tad-dazji addizzjonali għall-għanijiet ta' dan l-Anness huwa stabbilit bl-iskop tal-kodiċi NM kif jeżistu fiż-żmien tal-addozzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta l-indikazzjoni 'ex' tkun tinsab qabel xi kodiċi NM l-iskop tad-dazji addizzjonali għandu jiġi stabbilit kemm bl-iskop tal-kodiċi NM u bil-perjodu korrispondenti ji jitqiegħed fis-seħħ.

Numru tas-serje	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu li jġib fis-seħħ	Livell li jġib fis-seħħ(tunellati metriċi)
78.0015	ex 0702 00 00	Tadam	— 1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu	164 102
78.0020			— 1 ta' April sat-30 ta' Settembru	15 622
78.0065	ex 0707 00 05	Ħjar	— 1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	16 028
78.0075			— 1 ta' Novembru sat-30 ta' April	3 865
78.0085	ex 0709 10 00	Qaqoċċ	— 1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	1 180
78.0100	ex 0709 90 70	Qara bagħli æġħir	— 1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	45 160
78.0110	ex 0805 10 10 ex 0805 10 30 ex 0805 10 50	Larinġ	— 1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	465 695
78.0120	ex 0805 20 10	Klementini	— 1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	218 217
78.0130	ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90	Mandarini, nkluża l-mandolina, satsumas, wilkings u ibridi simili taċ-ċitrus	— 1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	114 194
78.0155	ex 0805 30 10	Lumi	— 1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	285 329
78.0160			— 1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	24 448
78.0170	ex 0806 10 10	Għeneb tal-mejda	— 21 ta' Lulju sa l-20 ta' Novembru	190 422
78.0180	ex 0808 10 20 ex 0808 10 50 ex 0808 10 90	Tuffieħ	— 1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	395 887
78.0190			— 1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	51 279
78.0200			— 1 ta' April sal-31 ta' Awissu	575 829
78.0220	ex 0808 20 50	Lanġas	— 1 ta' Jannar sat-30 ta' April	155 487
78.0235			— 1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	202 569
78.0250	ex 0808 10 00	Berquq	— 11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	2 432
78.0260	ex 0809 20	Ċirasa	— 21 ta' Mejju sa l-10 ta' Awissu	108 193
78.0270	ex 0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk	— 11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	1 166
78.0280	ex 0809 40 05	Għajn baqar	— 11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	112 005